**Eżami għall-*Warrant* ta' Avukat**

**(Parti bil-miktub)**

**It-Tnejn 7 ta' Jannar 2019**

**9.00 *a.m.* sa 12.00 *m.d.***

**(It-tweġibiet għandhom ikunu kollha bil-Malti. Sakemm ma jkunx indikat xort'oħra fil-każ ta' persuna bi bżonnijiet speċjali, il-ħin mogħti biex twieġeb kemm għal Taqsima A kif ukoll għal Taqsima B huwa ta' tliet sigħat)**

## Taqsima A

Wieġeb għal tlieta biss minn dawn li ġejjin:

1. Il-klijent tiegħek, li huwa ċittadin Malti, għandu r-residenza tiegħu f'fond li qabel kien għandu b'titolu ta' enfitewsi għal wieħed u għoxrin sena u, wara li għalqet l-enfitewsi, kompla joqgħod fil-fond b'titolu ta' kiri taħt id-disposizzjonijet tal-art. 12 tal-Ordinanza li tneħħi l-Kontroll tad-Djar (Kap. 158). Is-sid issa fetaħ kawża kontra l-Gvern ta' Malta u kontra l-klijent tiegħek għax igħid illi l-konverżjoni ta' enfitewsi f'kiri seħħet bi ksur tal-jedd tiegħu għat-tgawdija tal-proprjetà mħares taħt l-art. 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali. Fost ir-rimedji mitluba mis-sid hemm dak għal ħlas ta' kumpens u għall-iżgumbrament tal-klijent tiegħek. Ħejji t-tweġiba tal-klijent tiegħek għal din il-kawża.

2. Ħejji l-atti kollha meħtieġa (ittra u rikors maħluf) biex tiftaħ kawża għall-firda personali bejn il-miżżewġin li għandhom ulied minorenni; il-klijenta tiegħek hija l-mara.

3. Il-klijent tiegħek kien imħarrek biex iħallas dejn tal-awtur tiegħu u ġie kundannat b'sentenza, konfermata mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ġunju 2015, biex bħala werriet tad-debitur iħallas id-dejn. Biex jesegwixxi s-sentenza l-kreditur talab il-bejgħ *sub hasta* ta' beni immobbli tal-klijent tiegħek. Issa ġiet f'idejn il-klijent tiegħek riċevuta li turi li l-awtur tiegħu kien ġà ħallas l-istess dejn. Ħejji l-atti kollha meħtieġa biex il-klijent tiegħek jingħata rimedju.

4. Il-klijenti tiegħek għandhom flimkien erba' ishma minn ħamsa ($^4/_5$) ta' proprjetà immobbli li sabu l-bejgħ tagħha. Il-komproprjetarju li għandu s-sehem l-ieħor minn ħamsa ($^1/_5$) qiegħed joġġezzjona għall-bejgħ. Ħejji l-atti meħtieġa biex il-klijenti tiegħek jingħataw is-setgħa jbigħu l-proprjetà minkejja l-opposizzjoni tal-komproprjetarju l-ieħor.

5. Il-klijent tiegħek, li llum għandu ħamsin sena, kien joqgħod ma' ħuh f'dar mikrija lil ħuh. Ħu l-klijent tiegħek issa miet, u sid il-kera fetaħ kawża biex jitlob l-iżgumbrament tal-klijent tiegħek għax igħid illi issa wara l-mewt tal-kerrej qiegħed iżomm il-fond mingħjr titolu. Ħejji l-att meħtieġ biex twieġeb għall-azzjoni.

6. Ħejji l-att meħtieġ biex isir appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati illi ikkundannat lill-klijent tiegħek għal xahrejn

priġunerija għax naqas milli jħallas lil martu s-somma stipulata f'kuntratt ta' separazzjoni personali bħala manteniment għaliha u għal uliedhom.

## Taqsima B

Wieġeb għal waħda biss minn dawn li ġejjin:

1. X'tifhem bis-"sigriet professjonali" ta' avukat? X'inhuma l-limiti ta' dan is-sigriet? X'inhija d-differenza bejn "sigriet professjonali" u "kunfidenzjalità"? Agħti eżempji.

2. X'għandu jagħmel avukat malli: (i) jissuspetta li l-klijent li qed jippatroċina qed juża s-servizzi tiegħu għal attività li tista' tkun kriminali; (ii) jintebaħ li jista' jkollu konflitt ta' interess f'kawża jew f'inkarigu partikolari?

3. Ditta ta' avukati tixtieq ixxandar avviż fil-*media* dwar il-prattika professjonali tagħha. Fisser ir-regoli li jolqtu x-xandir ta' avviżi bħal dawn skond il-Kodiċi ta' Etika tal-Avukati kif ukoll ir-rwol tal-Kamra tal-Avukati f'dan il-qasam.